

Brussell, 20 ta' Frar 2018
(OR. en)

6321/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0036 (NLE)

RECH 49
MED 3
AGRI 91
MIGR 20
RELEX 142
MA 2

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Frar 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 74 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 74 final.

Mehmuż: COM(2018) 74 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.2.2018
COM(2018) 74 final

2018/0036 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fit-30 ta' Mejju 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, mar-Renju tal-Marokk ("il-Marokk") dwar Ftehim Internazzjonali bejn l-Unjoni u l-Marokk li jstabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran ("PRIMA").

Skont it-termini tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni tal-Kunsill, in-negozjati setgħu jinbdeu biss wara l-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri.

In-negozjati bdew fis-26 ta' Ġunju 2017 u ġew konklużi b'suċċess fit-22 ta' Jannar 2018, meta l-Kaprijiet Negozjaturi tal-Partijiet futuri poġġew l-inizjali tagħhom fuq it-test tal-abbozz tal-Ftehim. L-abbozz tal-Ftehim mehmuż ma' din il-proposta huwa konformi mad-direttivi tan-negozjati maħruġa mill-Kunsill. B'mod partikolari, dan jistabbilixxi li t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fil-PRIMA għandhom ikunu dawk li ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni (UE) 2017/1324¹, u billi ssir referenza diretta għall-att leġiżlattiv tal-Unjoni.

Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari s-setgħat tal-Kummissjoni, tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi, tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Istruttura ta' Implimentazzjoni tal-PRIMA (PRIMA-IS) biex iwettqu l-awditjar u l-investigazzjonijiet skont il-leġiżlazzjoni applikabbli tal-Unjoni, il-Ftehim jagħmel referenza speċifika għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 u jobbliga lill-Partijiet biex jipprovdu l-assistenza kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Barra minn hekk, il-Ftehim futur jistipula li l-Partijiet iridu jsibu qbil dwar l-arranġamenti dettaljati għall-assistenza, peress li dawn l-arranġamenti huma essenzjali għall-kooperazzjoni ta' bejniethom skont dan il-Ftehim.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Kif ġie ppreżentat ukoll fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt għall-PRIMA², il-ftuħ tal-PRIMA għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi bħall-Marokk huwa konsistenti mal-oġġettivi tal-kooperazzjoni internazzjonali għar-riċerka u għall-innovazzjoni kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2012 "Intejbu u niffukaw il-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni: Approċċ strateġiku"³ u fil-Programm Qafas Orizzont 2020, li jippromwovi l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi globali tas-soċjetà u jiġu appoġġati l-politiki esterni tal-Unjoni. Dan il-Ftehim huwa konsistenti wkoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju eżistenti li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra⁴, li jipprevedi

¹ Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 1).

² SWD(2016) 332 final, 18.10.2016.

³ COM(2012) 497 final.

⁴ ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.

kooperazzjoni xjentifika, teknika u teknoloġika bejn l-Unjoni u l-Marokk, u mal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknika bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk⁵, li jħeġġeġ l-attivitajiet ta' kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Partijiet f'oqsma ta' interess komuni għalihom.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-implimentazzjoni tal-PRIMA f'kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi bħall-Marokk hija konsistenti wkoll ma' politiki oħra tal-Unjoni, bħall-politika dwar il-migrazzjoni, il-politika tal-iżvilupp u l-politika tal-viceinat, filwaqt li hija wkoll rilevanti għalihom.

2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija bbażata fuq l-Artikolu 186 u l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jikkonkludi l-Ftehim f'isem l-Unjoni.

⁵ ĠU L 37, 10.2.2004, p. 9.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 186 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ tistipula l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b' mod konġunt diversi Stati Membri.
- (2) Ir-Renju tal-Marokk ("il-Marokk") esprima x-xewqa tiegħu li jissieħeb fil-PRIMA bħala Stat Parteċipant u li jkun fl-istess livell tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi assoċjati mal-programm Orizzont 2020 li jipparteċipaw fil-PRIMA.
- (3) Skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, il-Marokk isir Stat Parteċipant fil-PRIMA soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fil-PRIMA.
- (4) Il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ġie ffirmat f' isem l-Unjoni fi XX, 20XX, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f' data iktar 'il quddiem u b' konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill <XXX>⁷.
- (5) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f' isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'dan, il-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju

⁶ Id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b' mod konġunt diversi Stati Membri (ĠU L 185, 18.7.2017, p. 1).

tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) huwa approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 5(2) tal-Ftehim f'isem l-Unjoni, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi [id-data tal-adozzjoni tagħha].

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*